# L-ISLA U BONHAM-CARTER



Is-sena li għaddiet, 2004, rat ix-xandir tad-djarju ta' dak li kien Gvernatur kolonjali ta' Malta bejn is-snin 1936 u 1940, żmien imqanqal mhux ħażin. *The Bonham-Carter Diaries 1936 - 1940,* editjat u b'introduzzjoni ta' John Manduka, huwa ferm u ferm interessanti, kemm politikament u kemm storikament, u naraw li fih, beltna l-Isla tissemma seba' darbiet, uħud minnhom ma' bliet oħra.

Il-*Preface* tad-Djarju kitbu l-Professur Victor G. Griffiths, Senglean, li jsemmi lil missieru, is-Sur William, li kien magħruf ħafna fl-Isla ta' qabel il-gwerra. Kien bħal għalliem fid-*Dockyard Technical College* u kemm bħala attivist politiku. Is-Sur Griffiths kien twieled fl-1886.

Nies anzjani bħali, meta jsemmu l-Isla fi djarju bħal dan żgur li tgħaddi minn quddiem għajnejna xeni u ċirkostanzi ta' l-epoka li jsemmi l-Gvernatur Bonham-Carter. Il-Gvernatur isemmi ż-żjara uffiċċjali li kien għamel fl-Isla fl-24 ta' Settembru 1936. Il-knisja l-qadima ma tantx kienet laqtitu (kieku jiġi issa jara d-differenza kbira wara l-ħerba tal-gwerra), iżda l-apparat ċerimonjali, rakkmu Franċiż tas-Seklu 18, sab li huma *wonderful.*

Lill-Arċipriet Giuseppe Bonanno sabu *charming* u rah bħala pro-Ingilterra, iżda bil-Kanonku żgħażugħ Arturo Bonnici (wara professur u storiku msemmi) kien inqas entużjazmat. Il-knisja, il-Bażilka ta' Marija Bambina, qal, hija 'kattidrali'. Forsi ried ifisser li hija Bażilka (?). Isemmi ukoll li Montanaro huwa Kanonku onorarju tal-Kattidral permezz ta' l-ereditá.

Wara li kellu riċeviment fl-awla tal-kapitlu, il-Gvernatur żar il-każin tal-banda 'Queen's Own'. Hawn sema' li Nerik Mizzi kien ipprova jqanqal xi oppożizzjoni għal din iż-żjara. Il-kwistjoni waslet għall-voti u tnejn biss kienu kontra u ħamsa favur li jirċevuħ fil-każin. Jiena niftakru, kellu 16-il sena, dieħel il-każin, bil-kumitat jistennieh fl-entratura, u wara niftakru fi Strada Vittoria, ħdejn fejn kienet il-Madonna tan-Nofs, jieħu b'idejn in-nies.

Fl-1939, meta l-gwerra kienet tidher li riesqa ġmielha, preċiżament fit-22 ta' April, Bomham-Carter igħid li jum qabel mar l-Isla għax Laferla (Albert V. Laferla, direttur ta' l-Edukazzjoni) kien qallu bid-diffikulta li jevakwaw il-belt ta' l-Isla malajr, f'kas ta' gwerra. Il-ħruġ, qal hu tabilħaqq ħażin għax hemm bieb wieħed u dan hu ferm dejjaq (irrefera għall-mina l-antika li kellna).

"Jien ktibt lill-Viċi-Ammirall", kiteb, biex "nistaqsih jekk iħallix, fil-kas li jkun hemm bżonn, li proporzjon mill-abitanti tgħaddi minn ġewwa t-Tarzna Navali," (mill-Main Gate li kien hemm ix-Xatt fejn id-*Dockyard Terrace*) għas-*South Gate* (li hija fi Pjazza Gavino Gulia) li tisbokka f'Bormla.

Kompla: "Nittama li jgħid 'iva', imma ħadd ma jista' jgħid b'liema mod sejjer jaqbeż. Jien ukoll qed nikkonsidra jekk ikunx għaqli li nħaffer tlieta jew erba' mini ġol-blat minn naħa ta' l-Isla (*the isthums*) għall-oħra." Effettivament, dawn saru wara. "Dan jagħti fiduċja lill-poplu, iżda naturalment il-mini (*shelters*) ma jkunux jistgħu jiġu użati bħala post permanenti fejn jgħixu, għaldaqstant, evakwazzjoni hija meħtieġa."

Possibbli li ma ġietux l-idea li n-nies jistgħu jużaw *shelters* biss waqt ħbit mill-ajru, kif sar fi bnadi oħra? Jew forsi ħaseb li f'kas ta' gwerra, il-bini kollu fl-Isla jiġi meqrud? 'Il quddiem, il-Gvernatur jikteb li Laferla kien għażel ċerti rħula bħala *reception area* (għar-refuġjati) u l-areas li jiġu evakwati jkunu l-Isla, Bormla u l-Birgu.

Nafu llum li l-evakwazzjoni organizzata ma saritx. Meta bdew niżlin il-bombi fis-16 ta' Jannar 1941, il-maġġoranza telqu u sabu jdabbru rashom fejn setgħu, huma stess , f'Wied il-Għajn, iż-Żejtun, Siġġiewi. Ħal Qormi, Ħaż-Żebbuġ, ir-Rabat, Birkirkara u saħansitra Għawdex. U nafu li kien hemm veri eroj, li baqgħu l-Isla ukoll, u kienu għadd ġmielhom. Iżda fl-24 ta' Lulju 1939, Bonham-Carter insibuh inizzel fid-djarju illi kien ordna biex ix-xogħol fuq ix-*shelters* 'fondi' fl-Isla jinbeda, u aħna n-nies ta' l-Isla malajr indunajna, għax bdejna naraw id-*diggers* u l-*air compressors* jaħdmu lejn u nhar, meta bdew mix-Xatt, ħdejn il-*Main Gate* tat-Tarzna.

Fil-għaxija tal-15 ta' Settembru, il-Gvernatur mar jara kif sejjer ix-xogħol fuq dawn ix-shelters fl-Isla, Bormla u l-Birgu. "Nittama," kiteb, "li ż-żjajjar tiegħi jagħmlu l-ġid," Kienu żminijiet koroh u ta' taqtigħ il-qalb u nċertezza: id-diżastri, inċidenti u mwiet ftit konna noħolmuhom. Iżda ġew, u bl-għajnuna ta' Alla u tal-Madonna għaddejnihom aħna, iżda kien hawn min, sfortunatament, le. Il-monument li hemm maġenb il-Bażilka, juri kemm Sengleani kellhom jitilfu ħajjithom u kemm għandna aħna għax nitolbu għalihom.

*Charles Clews*

Il-President u l-Kumitat ta'
l-Għaqda Mużikali *Queen's Own*
Banda Marija Bambina
Jawguraw il-Festa t-Tajba lis-Sengleani Kollha



**Quddiem:** Andrew Cutajar, Kan. Arċ. Joe Grech, Alfred Caruana, Joseph Robinich, Joe Cassar.
**Wara:** Rodney Muscat, Frankie Bonello, Joe Calleja, John Stanicich, Emmanuel Cassar.
**Neqsin mir-ritratt:** Paul Cousin, Mario Farrugia.